MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 784/2015 LM

**John Luke Licari (ID numru 548775M)**

***vs.***

**Ryan Mock (ID numru 87490M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 t'Awwissu, 2015, mill-attur **John Luke Licari** (ID 548775M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar it-12 ta' Ġunju, tas-sena elfejn u tlettax (2013), ir-rikorrenti John Luke Licari, kien involut f'inċident li seħħ waqt logħba tal-waterpolo fil-Pixxina Nazzjonali, ġewwa Tal-Qroqq;*

2. *Illi fl-imsemmi inċident waqt li kienet qiegħda tintlagħab logħba mill-Ewwel Diviżjoni tal-Kampjonat tas-Sajf tas-sena elfejn u tlettax (2013) tal-waterpolo fil-Pixxina Nazzjonali ġewwa Tal-Qroqq bejn Valletta United WPC u Marsaskala, ir-rikorrenti bħala player ta' Marsaskala fit-tieni sessjoni tal-partita waqt li kien qed jagħmel drive lejn il-lasti difiża minn Valletta, l-intimat li kien qed jilgħab għat-tim avversarju Valletta United WPC volontarjament ta daqqa lir-rikorrenti ġo wiċċu;*

3. *Illi sussegwentement għal dan l-inċident kienu ġew intavolati proċeduri dixxiplinarji b'referenza għall-istess inċident fil-konfront tal-intimat min-naħa tal-Aquatic Sports Association of Malta fejn l-intimat kien ġie misjub ħati ta' kuntatt eċċessiv u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti;*

4. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti korra gravament peress li ġarrab ġrieħi ta' natura gravi fin-naħa tax-xedaq ta' ħalqu u minħabba l-istess inċident ir-rikorrent kien qiegħed ibati minn diżabilità permanenti;*

5. *Illi fil-fatt l-ispeċjalista James Galea iċċertifika illi r-rikorrenti qiegħed isofri minn diżabilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%) liema kopja taċ-ċertifikat qiegħda tiġi hawn esebita, annessa u mmarkata bħala 'Dok. A';*

6. *Illi għalhekk ir-rikorrenti ġarrab lucrum cessans, kaġun tal-fatt li, bħala effett dirett tal-inċident, sofra debilità permanenti, riskontrata u aċċertata;*

7. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti inkorra wkoll danni emerġenti (damnum emergens) li jinkludu spejjeż, fosthom, iżda mhux limitatament għal diversi konsulti ma' tobba, professuri u esperti mediċi, kif ukoll spejjeż ta' mediċinali, u telf ieħor kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Illi minħabba l-ġrieħi li ġarrab fil-parti tax-xedaq ta' ħalqu r-rikorrenti kellu jagħmel diversi interventi kirurġiċi u għadu jbati sal-ġurnata tal-lum;*

9. *Illi dan l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat Ryan Mock u dan minħabba kuntatt eċċessiv u vjolenti f'logħba tal-waterpolo da parti tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti;*

10. *Illi għalhekk għall-istess inċident u għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali, huwa unikament responsabbli l-intimat;*

11. *Illi l-intimat Ryan Mock għalkemm debitament interpellat anke permezz ta' ittra uffiċjali enumerata 4144/2014 datata ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsegwenza tal-*

*imsemmi inċident versu r-rikorrent, baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu intavolati dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ir-rikorrenti John Luke Licari safa midrub f'inċident li seħħ waqt logħba tal-waterpolo fil-Pixxina Nazzjonali, ġewwa Tal-Qroqq peress illi waqt li l-esponenti kien qed jagħmel drive lejn il-lasti tad-difiża minn Valletta, l-intimat Ryan Mock li kien qed jilgħab għat-tim avversarju volontarjament ta daqqa lir-rikorrenti ġo wiċċu u dan fit-tieni sessjoni u TIDDIKJARA illi dan l-inċident seħħ unikament, konsegwenza tal-aġir vjolenti u eċċessiv tal-intimat Ryan Mock;*
2. *TIDDIKJARA illi konsegwenza ta' dan l-inċident u tal-aġir vjolenti u eċċessiv tal-intimat Ryan Mock, ir-rikorrenti sofra danni, inkorra diversi spejjeż, u anke qed ibati minn diżabilità permanenti;*
3. *TILLIKWIDA d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;*
4. *TORDNA lill-intimat Ryan Mock sabiex iħallas lir-RIKORRENTI dik is-somma hekk likwidata, occorrendo anke bin-nomina ta' Periti;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali, u bl-imgħaxijiet.*

*L-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Ryan Mock** (ID numru 87490M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Novembru, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u bħala tali għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent billi assolutament mhux minnu illi l-esponent intimat volontarjament ta daqqa f'wiċċ ir-rikorrent waqt logħba waterpolo, li seħħet fit-12 ta' Ġunju, 2013 fil-Pixxina Nazzjonali, tal-Qroqq, kif assolutament mhux minnu li l-esponent intimat aġixxa b'mod vjolenti u eċċessiv fil-konfront tar-rikorrent fl-istess logħba u għalhekk l-intimat esponent mhux u ma jistax ikun responsabbli għad-danni li r-rikorrent qiegħed jippretendi u għad-diżabilità permanenti li qiegħed jgħid li qiegħed ibati;*

2. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ ir-rikorrent irid jipprova d-danni li qiegħed jippretendi u d-diżabilità permanenti li qiegħed jgħid li qed ibati;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-Liġi.*

4. *Illi rigward il-fatti kif esposti fir-rikors maħluf tar-rikorrent (ir-"Rikors"):*

(a) *M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt allegat fl-ewwel paragrafu tar-Rikors illi nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), ir-rikorrent John Luke Licari kien involut f'inċident li seħħ waqt logħba tal-waterpolo fil-Pixxina Nazzjonali, ġewwa tal-Qroqq;*

(b) *Rigward il-fatti fit-tieni paragrafu tar-Rikors, l-intimat jaqbel illi l-imsemmi inċident seħħ waqt li r-rikorrent, li kien qiegħed jilgħab għal Marsaskala, kien qed jagħmel drive lejn il-lasta tad-difiża mill-intimat esponent li kien qiegħed jilgħab għal Valletta United WPC, iżda assolutament mhux minnu illi l-esponent intimat 'volontarjament ta daqqa lir-rikorrent ġo wiċċu';*

(c) *Il-fatti fit-tielet paragrafu tar-Rikors mhumiex kontestati iżda għandu jiġi rilevat ukoll illi fl-ebda waqt, mill-provi prodotti u mix-xhieda tal-persuni preżenti waqt is-smigħ tal-proċeduri dixxiplinarji, ma rriżulta jew issemma l-fatt illi l-esponent intimat volontarjament ta daqqa ġo wiċċ ir-rikorrenti kif qiegħed issa jiġi allegat f'din il-kawża. Huwa magħruf illi fil-waterpolo ikun hemm kuntatt fiżiku dirett mal-avversarju tant li jissejjaħ proprjament 'a high-contact sport'. F'dawn iċ-ċirkostanzi mhix ħaġa ta' barra minn hawn li wieħed jintlaqat iżda dan huwa kompletament divers minn wieħed li volontarjament jagħti daqqa ġo wiċċ ħaddieħor;*

(d) *Dwar il-proċeduri dixxiplinarji hawn fuq riferiti li jiġi rilevat ukoll illi l-intimat esponenti ingħata l-piena minima ta' sena sospensjoni mil-logħob tal-waterpolo u mhux talli l-Bord iddeċieda li jinfliġġi l-piena minima iżda wara xahrejn li l-esponenti kien sospiż, l-Aquatic Sports Association (ASA) iddeċidiet li huwa seta' jerġa' jibda jilgħab wara xahrejn biss;*

(e) *Dwar il-ħames paragrafu tar-Rikors, jiġi rilevat illi l-ispeċjalista Mr. James Galea, jiddikjara li 'Mr. Licari was involved in a sports accident'. Preżumibbilment wara inċident tal-gravità li qiegħed jimplika r-rikorrent, huwa immedjatament irrikorra għand tabib jew tobba. Iżda r-rikorrenti la annetta ċertifikati tat-tobba li rawh f'dak il-ħin, la ta ħjiel ta' min rah u min għamel id-dijanjosi u lanqas annetta ritratti u x-rays tal-ġrieħi li qed jgħid li sofra. Kull ma ta huwa 'rapport' mediku minn speċjalista li rah l-għada tal-inċident li rrapportalu l-istess rikorrent;*

(f) *L-esponent intimat jiċħad li volontarjament ta daqqa lir-rikorrent f'wiċċu u li għamel kuntatt eċċessiv u vjolenti fuq l-istess rikorrent u għalhekk jikkontesta s-sitt u s-seba' paragrafi tar-Rikors;*

(g) *Dwar it-tmien premessa, l-esponent intimat jikkontesta l-allegazzjoni li r-rikorrent ġarrab ġrieħi li qiegħed jallega li ġarrab u għadu jbati sal-ġurnata tal-lum għaliex kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża, ir-rikorrent mhux talli mhux minnu li għadu jbati sal-lum iżda wara ftit jiem mill-inċident mar 'training' fil-pixxina, lagħab waterpolo, u tant ġab lilu nnifsu ħażin li ġie rrapportat lill-ASA. Tant mhux minnu dak li qiegħed jallega r-Rikorrent, illi fil-logħba in kwistjoni, ir-Rikorrent kompla jilgħab, jgħum u jkompli jiddefendi l-attakk sa ma ddeċieda jirtira;*

(h) *L-intimat esponent jiċħad dak li hemm allegat fid-disa' premessa tar-Rikors li dan l-inċident seħħ unikament tort tiegħu kif ser jiġi muri u ppruvat permezz ta' filmat tal-logħba fil-ħin ta' dak li l-istess Rikorrent qiegħed isejjaħlu 'inċident';*

(i) *L-esponent jikkontesta l-għaxar paragrafu tar-Rikors billi jtenni illi hu mhux u ma jistax ikun responsabbli għal ebda danni konsegwenzjali peress illi volontarjament ma ta ebda daqqa ġo wiċċ ir-Rikorrent u ma għamel ebda kuntatt eċċessiv u vjolenti fuq l-istess Rikorrent;*

(j) *Dwar l-aħħar paragrafu tar-Rikors, l-intimat esponent qiegħed jannetti t-tweġiba tiegħu għall-ittra uffiċjali tar-rikorrent li ġiet intavolata fit-28 ta' Jannar, 2015 fejn ġie mtenni illi l-allegazzjonijiet min-naħa tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess intimat ma kienx responsabbli għall-inċident li seħħ fit-12 ta' Ġunju, 2013.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-azzjoni odjerna hija essenzjalment waħda għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni li l-attur allegatament sofra konsegwenza ta' inċident li seħħ waqt logħba tal-kampjonat tal-ewwel diviżjoni tal-*waterpolo,* li fiha l-partijiet involuti fil-kawża kienu qegħdin jilagħbu ma' timijiet avversarji għal xulxin. Jidher li waqt il-logħba l-partijiet ġew f'kuntatt ma' xulxin, tant li l-konvenut ma jiċħadx li huwa laqat lill-attur f'wiċċu, għalkemm jiċħad li għamel dan b'mod volontarju u intenzjonat. Konsegwenza tal-fatt li ndarab f'wiċċu, l-attur kellu jieqaf mil-logħba ftit tal-mumenti wara li kien hemm il-kuntatt bejn il-partijiet, sabiex jirċievi assistenza medika. L-għada li seħħ dan l-inċident, l-attur kien jeħtieġ li jsirlu intervent kirurġiku. Wara dan l-inċident l-attur baqa' jsofri minn nuqqas ta' sensazzjoni fil-parti tax-xofftejn affettwati bid-daqqa, liema ħsara ġiet ikklassifikata bħala irreparabbli wara li għadda ċertu żmien minn meta seħħ l-inċident. Il-konvenut min-naħa tiegħu jeċċepixxi li mhux minnu li hu aġixxa b'mod vjolenti u eċċessiv, u konsegwentement m'għandux jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors maħluf tiegħu, l-attur ippreżenta kopja ta' ċertifikat rilaxxjat minn **Mr James Galea**[1], li kkonstata li l-attur kien involut f'inċident fit-12 ta' Ġunju, 2013 waqt logħba tal-*waterpolo,* u li konsegwenza ta' dan l-inċident, "*he suffered a complicated displaced fracture of the left angle of the mandible*" ... kif ukoll "*complete paraethesia of the left lower lip, indicating*

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.

*damage to the left inferior alveolar nerve."* Ix-xhud qal li wara li l-attur ġie eżaminat l-Isptar dakinhar stess li seħħ l-inċident, dan ġie riferut lid-Dipartiment tad-Dentistrija fejn sarlu t-trattament meħtieġ sabiex jiddewwa l-ksur. L-għada tal-inċident, l-attur ġie eżaminat minn Mr James Galea, li rreferieh għal intervent kirurġiku li sarlu fl-Isptar Saint James. Fiċ-ċertifikat tiegħu Mr Galea kkonstata li hu baqa' jsegwi l-progress tal-attur wara l-intervent li sarlu, u li dan għadu jsofri minn, *"full paraesthesia of the lower left lip",* u kkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%).

Ġiet esebita wkoll kopja tal-ittra uffiċjali[2] mibgħuta lill-konvenut, li permezz tagħha l-attur interpella lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu. Il-konvenut esebixxa kopja tar-risposta għall-ittra uffiċjali tal-attur[3], fejn irrespinġa l-pretensjonijiet kollha tal-attur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[4] qal li huwa kien ilu jilgħab l-*waterpolo* sa minn età żgħira, u li eventwalment beda jilgħab b'mod professjonali. Qal illi hu lagħab kemm mat-tim nazzjonali Malti, kif ukoll ma' tim ġewwa s-Slovakkja, kif ukoll mat-timijiet lokali tan-Neptunes u Marsaskala. L-attur kompla jgħid li hu kien ilu jaf lill-konvenut għal diversi snin minħabba li kien hemm żmien meta kienu jagħmlu taħriġ flimkien. L-attur kompla jgħid li dakinhar tal-inċident, kienet qiegħda tintlagħab logħba *waterpolo* ġewwa l-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq bejn Valletta United WPC u Marsaskala SC, bħala parti mill-kampjonat tal-*waterpolo* organizzat mill-Aquatic Sports Association (l-ASA). Qal illi l-logħba

[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 24 tal-proċess.
[4] *A fol.* 33 tal-proċess.

kienet qiegħda tintlagħab b'mod normali, meta fid-daqqa u l-ħin hu ħassu qiegħed jaqla' daqqa fuq wiċċu waqt li t-tim tiegħu kien qiegħed jirbaħ tnejn b'xejn, u hu kien għadu kemm skorja t-tieni gowl għat-tim tiegħu. L-attur spjega li fil-mument meta hu qala' d-daqqa, it-tim tiegħu kien qiegħed fl-attakk, fil-parti tal-*pitch* difiża mill-avversarji, u l-*player* tat-tim ta' Marsaskala li kien qiegħed fin-nofs tal-azzjoni, bl-aħjar ċans li jiskorja, kien qiegħed jiġi mmarkat minn żewġ plejers ta' Valletta WPC, wieħed minnhom il-konvenut. Qal li hu xtaq jelimina lil wieħed minn dawn il-persuni mill-pożizzjoni li kienu fiha, u li kif qorob viċin il-konvenut, dan tah daqqa fuq ix-xedaq, b'mod volontarju u intenzjonat. Qal ukoll li wara li tah id-daqqa, Ryan Mock mar fid-direzzjoni opposta u ma baqax isegwi l-azzjoni li kien beda.

L-attur spjega kif wara d-daqqa hu beda jintilef minn sensih, tant li fittex li jgħum lejn il-ħabel biex ikun jista' jżomm miegħu, minħabba li beda jistordi. Qal illi ftit tal-ħin wara kien hemm *supporters* li bdew jgħajtu li hu kellu d-demm ma' wiċċu, u konsegwenza ta' dan waqfet il-logħba. L-attur qal illi kif tela' mill-baħar, issejħet l-ambulanza li ħaditu l-Isptar fejn ġie stabbilit li kellu ksur u li kien hemm il-ħtieġa li jiġi operat. Imma l-operazzjoni ma setgħetx issir dakinhar stess minħabba li l-kirurgu *on duty* ma setax jgħaqqad tim li seta' jassistih waqt l-operazzjoni dak il-ħin, u għalhekk sarlu trattament li kellu jgħin biex il-ksur jagħqad, iżda ġie infurmat li l-intervent kirurġiku kellu jistenna fuq *waiting list* għalih. Kien għalhekk li hu ġie riferut għand Mr James Galea ta' Saint James Clinic tar-Rabat, li operah hu stess fl-Isptar Saint James ġewwa tas-Sliema. Il-kirurgu Galea dam isegwi lill-attur għal diversi xhur wara li operah, u kien hu li kkonstata li l-attur kellu debilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%) konsegwenza ta' dan l-inċident. L-attur qal ukoll li fis-snin kollha li fihom hu kien jilgħab il-*waterpolo,* hu qatt ma sofra inċident simili għal dan,

u li din id-daqqa li qala' kienet waħda volontarja u intenzjonata. Ix-xhud esebixxa *pen drive* li turi filmat tal-logħba li fiha seħħ l-inċident inkwistjoni, bl-azzjoni fejn hu qala' d-daqqa tidher. L-attur ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li l-ASA kienet ħadet proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-konvenut, tant li dan ġie mmultat is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (€233), u sospiż mil-logħob għal perijodu ta' sena, liema pieni ġew ikkonfermati mill-Bord tal-Appelli tal-ASA. Ġiet esebita wkoll kopja ta' immaġni tal-*X-ray* li turi l-ksur li l-attur sofra fix-xedaq, liema immaġni ġġib id-data tat-12 ta' Ġunju, 2013.[5] L-attur esebixxa wkoll kopji ta' rċevuti rilaxxjati mill-Isptar Saint James wara l-intervent li sarlu.[6]

F'rapport mediku datat 17 ta' Ġunju, 2013[7], proprju erbat ijiem wara li sar l-intervent fuq l-attur, il-kirurgu dentali Mr James Galea kkonstata li l-korriment li sofra l-attur kien wieħed gravi, u li kien hemm il-ħtieġa ta' stennija ta' bejn tlieta u sitt xhur sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm diżabilità permanenti għan-nervituri fil-parti tax-xellug tal-wiċċ.[8] F'rapport sussegwenti tat-23 ta' Mejju, 2014, Mr James Galea kkonstata illi,

> *"[t]he occlusion remains stable, however, there is residual paraesthesia of the left inferior alveolar nerve. Since more than 6 months have elapsed from the injury, it is most likely that this residual paraesthesia will be permanent."*

L-attur esebixxa wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-ASA tas-27 ta' Ġunju, 2013[9], fejn ġie deċiż mill-Kummissarju tad-Dixxiplina tal-istess Assoċjazzjoni li l-konvenut Ryan Mock kien ħati li kkaġuna ferita gravi għad-dannu tal-*player* John Licari

---

[5] *A fol.* 36 tal-proċess.
[6] *A fol.* 37, 39 u 40 tal-proċess.
[7] *A fol.* 44 tal-proċess.
[8] Fi kliem Mr Galea, *"[h]e was reviewed again today and post-operative radiograph showed the correct reduction of the fracture. The injury is one of grievous nature and one has to wait for 3 to 6 months to see if there has been permanent disability to the left inferior alveolar nerve."*
[9] *A fol.* 46 tal-proċess.

skont Taqsima B tal-Artikolu 2(i) (a) tal-kodiċi tad-dixxiplina u għalhekk immulta lil Ryan Mock is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (€233), kif ukoll issospendieh għal perijodu ta' sena minn kull attività tal-ASA. Ġiet esebita wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-ASA li kkonferma l-multa oriġinali mogħtija mill-Kummissarju tad-Dixxiplina, u dan wara li ġie kkunsidrat illi:

> *"a. There is no contestation that Mr. Mock caused the injuries sustained by Mr Licari;*
> *b. There is no contestation that the injuries sustained by Mr. Licari are of grievous nature as established in the medical report;*
> *c. Mr. Mock himself confirmed that he did intend to make contact with Mr. Licari through the use of his legs and whilst the intention may not have been to cause the grievous injuries sustained, the result of his action was in fact the grievous injuries sustained in (b) above and which in line with Section B Article 2 (i) (a) and (b) (i) of the Disciplinary Code states, "Jekk l-imputat b'xi mod jew ieħor ikkaġuna ferita gravi ..." player "jeħel multa ta' Eur 233 u sospensjoni ta' mhux anqas minn sena sa massimu ta' tliet snin minn kull attività tal-ASA."*

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2016 xehed **Pierre Borg**[10], li qal li hu jaħdem bħala fiżjoterapista u kowċ tal-*waterpolo.* Qal ukoll li l-attur kien plejer tal-*waterpolo,* filwaqt li l-konvenut hu plejer attiv. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident fit-12 ta' Ġunju, 2013 hu kien qiegħed isegwi l-logħba inkwistjoni bħala kowċ ta' Marsaskala. Qal ukoll li fil-mument tal-inċident, Marsaskala kienu fl-attakk filwaqt li l-Belt kienu qed jagħmlu 'żona', fejn plejer jagħmel 'żona' fuq iċ-ċentru. Ix-xhud qal li hu ra l-filmati tal-mod kif seħħ l-inċident, minn fejn seta' jinnota li l-attur kien qiegħed fuq *position 2* fis-*semi-circle,* filwaqt li l-konvenut kien qiegħed jagħmel *double* fuq iċ-ċentru. Ix-xhud spjega li *'double'* ifisser li l-konvenut qagħad f'pożizzjoni tali biex ma jħallix lill-plejers

[10] *A fol.* 50 tal-proċess.

ta' Marsaskala jersqu lejn iċ-ċentru, u t-tattika adoperata mit-tim ta' Marsaskala kienet li jitneħħa d-*'double'*. Kien għalhekk, spjega x-xhud, li l-attur beda jaqsam bl-għawm min-naħa għal oħra. Ix-xhud spjega l-mod kif seħħ l-inċident b'dan il-mod:

> "Kif John minn position 2 telaq jgħum kien hemm Ryan bil-pożizzjoni vertikali jagħmel il-block u kif eżatt wasal ħdejn Ryan dar sideways u jien rajt lil John jogħla six inches, issossa ruħu u waqaf eżatt f'dik il-pożizzjoni. Ryan minn double mar jgħum, jekk il-lasta qiegħda hawnhekk, xi metru u nofs lejn din in-naħa ...".

Ix-xhud kompla jgħid li l-attur tela' mill-ilma u hekk kif tela' qallu li l-konvenut kien tah daqqa "għalxejn". Ix-xhud qal ukoll li hekk kif l-attur fetaħ ħalqu, hu induna li kellu parti minn snienu tax-xellug qegħdin fin-nofs, u li dak il-ħin qal lill-attur biex imur l-Isptar. Ix-xhud qal li dak il-ħin hu kompla jsegwi l-logħba u li wara hu bħala kowċ, flimkien mal-kumitat tat-tim, marru l-Isptar sabiex jaraw x'kien sar mill-attur. Ix-xhud ikkonferma li hu tela' jixhed fil-proċeduri li ttieħdu mill-ASA.

Fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2016 xehed **Dr Simon Galea Testaferrata** bħala viċi president tal-ASA[11], li esebixxa kopja tar-rapport tal-kumitat eżekuttiv tal-ASA fir-rigward tal-inċident mertu ta' din il-kawża[12], flimkien ma' kopja tal-minuti[13] li nżammu mill-kummissarju tad-dixxiplina waqt is-smigħ li nżamm fis-27 ta' Ġunju, 2013. Ix-xhud spjega li wara l-logħba inkwistjoni, l-kumitat eżekuttiv tal-ASA irċieva l-ilmenti tar-*referees* u tal-plejers u tat-timijiet konċernati. Ix-xhud ikkonferma li ntwerew ukoll filmati tal-logħba, u ġew ippreżentati ċertifikati mediċi għall-konsiderazzjoni tagħhom, u kien in vista

[11] *A fol.* 62 tal-proċess.
[12] *A fol.* 72 tal-proċess.
[13] *A fol.* 73 tal-proċess.

ta' dan li ġie deċiż li għandhom jinbdew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-konvenut. Ix-xhud qal li l-kumitat eżekuttiv qabel fuq il-ħatra ta' kummissarju tad-dixxiplina, li kien Ivan Riolo u li kien ikkonkluda li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident u ġiet imposta fuqu multa u sena sospensjoni mil-logħob. Ix-xhud qal li l-konvenut appella minn din id-deċiżjoni, iżda din ġiet ikkonfermata mill-bord tal-appell tal-ASA. Ix-xhud ikkonferma li hu l-ewwel darba li ġie a konjizzjoni ta' dan l-inċident kien wara li nbdew il-proċeduri dixxiplinarji dwar l-ilment li kien sar. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li segwa kif kien seħħ l-inċident kien meta ra l-filmat fuq il-*laptop* tal-president Joe Caruana Curran, u seta' jikkonstata, minn dak li ra, li f'mument minnhom waqt il-logħba, il-partijiet dehru viċin ħafna ta' xulxin.

> "Jekk niftakar sew kien hemm *a double marking* fuq is-*centre* u l-intenzjoni tas-Sur Licari hija li jiddrajvja li hija mossa li jgħum 'il quddiem lejn id-*double marker* tas-*centre* sabiex jiġbed *double marking* miegħu u s-*centre* jiġi meħlus u jista' jitqassam il-ballun lilu. Qabel ma bdiet dik il-mossa kien hemm is-Sur Mock qribu u għamel mossa biex jimxi mas-Sur Licari u f'dik il-mossa deher jagħti daqqa ta' sieq. Dak li rajt jien. Dawn huma *split seconds* ... però f'dak li rajna u stajna nikkonstataw mill-video li kien pjuttost ċar ħalli nkunu ċari. Deher li s-Sur Mock inqala' minn mas-Sur Licari jiġifieri nqala' billi uża saqajh u hija mossa normali biex ngħid hekk u spiss issir però hemm mod u manjiera kif issir. Din dehret li kienet daqsxejn spinta biex ngħid hekk. In kwantu ma kienx hemm għalfejn daqshekk guffaġni għaliha u milli jidher, minn dak li stajna naraw u minn dak li rriżulta wara ... Wara rriżulta li dik il-mossa laqtet lis-Sur Licari f'geddumu."

Ix-xhud qal li minn dak li setgħu jaraw, l-attur intlaqat bl-irkoppa tal-konvenut, u li immedjatament wara r-*referees* waqqfu l-logħba minħabba li indunaw li kien hemm id-demm. Ix-xhud qal li hu seta' jikkonferma b'ċertezza li l-unika parti tal-ġisem li intużat mill-konvenut biex laqat lill-attur kienet l-irkoppa. Qal ukoll li viċin il-partijiet dak il-ħin ma kien hemm ħadd aktar mill-*players*. Ix-

xhud ġie mistoqsi wkoll dwar jekk il-partijiet kinux involuti f'inċidenti oħra, u qal li l-attur kien involut f'inċidenti dixxiplinarji oħra, għalkemm ma setax jikkummenta dwar il-gravità tagħhom. Ix-xhud qal li kull atleta jiġi rreġistrat bħala membru tal-Assoċjazzjoni mill-*club* tiegħu. Ix-xhud qal li jidhirlu li s-sospensjoni ta' sena li sofra l-konvenut ġiet imnaqsa, għalkemm ma kienx jaf ir-raġuni għaliex seħħ dan.

**Dr Simon Galea Testaferrata** kompla jixhed fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2016[14], u qal li hu għamel verifiki interni sabiex jara kif il-president tal-Assoċjazzjoni kif ġie fil-pussess tal-filmat tal-logħba. Ix-xhud ma kienx jaf min ġibed dan il-filmat, iżda qal li kien miġbud b'mod tajjeb, tant li l-inċident deher ċar fih. Qal ukoll li l-filmat wera l-azzjonijiet kollha. Ix-xhud ġie muri l-filmat esebit in atti u kkonferma li hu l-istess filmat li abbażi tiegħu kien ġie deċiż li għandhom jittieħdu passi dixxiplinarji mill-kumitat eżekuttiv tal-ASA. Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-*referees* ma indunawx li kien hemm *injury,* tant li ma waqqfux il-logħba u m'għamlu l-ebda rapport dwar dan l-inċident. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ħadd ma tkeċċa waqt il-logħba. Ix-xhud qal li kien hemm diversi dokumenti u rapporti dixxiplinarji fil-konfront taż-żewġ plejers indikati, u kien għalhekk li nħatar kumitat tad-dixxiplina.[15] Ix-xhud qal ukoll li kienet saret laqgħa interna tal-kumitat eżekuttiv fejn ġie deċiż li għandhom jittieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-konvenut. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ma kien sar l-ebda ilment formali u li d-deċiżjoni biex jittieħdu passi dixxiplinarji kienet ittieħdet mill-kumitat eżekuttiv tal-ASA. Ix-xhud tenna li l-president kien ra l-azzjoni fejn seħħ l-inċident fuq *Facebook,* tellagħha kumitat u wara li saret investigazzjoni u ġew ippreżentati d-dokumenti, ittieħdet id-

[14] *A fol.* 79 tal-proċess.
[15] Kopja tad-dokumentazzjoni fir-rigward tal-partijiet, esebita *a fol.* 90 tal-proċess.

deċiżjoni li għandhom jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-konvenut. Ix-xhud qal li l-konvenut kienet tnaqqsitlu s-sospensjoni minħabba li dik is-sena kien hemm elezzjoni għall-president tal-Assoċjazzjoni, u hekk kif dan ġie elett, kien ta amnestija lill-*players* li kienu sospiżi.[16]

Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2016 xehed **Duncan Cassar**[17], li kkonferma li hu kien jaf lill-partijiet minħabba li hu wkoll kien plejer tal-*waterpolo,* u filwaqt li l-attur kien jilgħab fl-istess tim miegħu, il-konvenut kien jilgħab ma' tim avversarju. Ix-xhud qal li hu kien ra l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri jseħħ quddiemu, u li kien ra lill-konvenut jagħti daqqa ta' sieq lill-attur. Ix-xhud qal li filwaqt li fil-logħba tal-*waterpolo* huwa normali li jkun hemm imbuttar, mhux normali li l-*players* jagħtu ċertu daqqiet lil xulxin. Ix-xhud qal li wara l-inċident hu ra lill-attur mal-ħabel, waqfet il-logħba, u l-attur kellu jittieħed l-Isptar bl-ambulanza anki minħabba li kellu ħalqu mimli demm. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident il-logħba tkompliet b'ċerta tensjoni. Waqt il-kontroeżami x-xhud ikkonferma li hekk kif l-attur qala' d-daqqa hu mill-ewwel mar mal-ħabel, u li hekk kif seħħet l-azzjoni li kien imiss fil-logħob, liema azzjoni ddum għoxrin sekonda, il-logħba twaqqfet mit-tim li kien qiegħed jilgħab miegħu l-attur. Ix-xhud qal li l-attur kellu bżonn l-għajnuna biex jitla' mill-ilma u li hu kien wieħed mill-persuni li marru jgħinuh biex jitla'. Ix-xhud ikkonferma li waqt il-ħin tal-inċident hu kien fl-art, fuq il-bank tas-sostituti, u li bejnu u bejn l-attur kien hemm l-istess distanza bejn wieħed u ieħor li kien hemm mir-*referee.* Ix-xhud madanakollu qal li waqt il-logħba għajnejh ma kinux fuq ir-*referee* iżda fuq il-ballun. Waqt id-depożizzjoni tiegħu x-xhud

---

[16] F'dan ir-rigward ġiet esebita kopja tal-minuti tal-laqgħa ġenerali annwali li nżammet fit-28 ta' Novembru, 2013, fejn saret il-ħatra tal-president tal-kumitat eżekuttiv, u fejn ġie stabbilit illi, *"[h]e (the president) thanked the AGM and declared that on this occasion he was granting a general amnesty to all thoe currently undergoing suspensions as a sign of solidarity and hope of better things to come."*

[17] *A fol.* 93 tal-proċess.

ippreżenta *sketch* ta' fejn kienu qegħdin l-attur u l-konvenut u fejn kien hu.[18] Ix-xhud ikkonferma wkoll li hekk kif indunaw li seħħ l-inċident inkwistjoni, hu u sħabu pprotestaw mar-*referee.* Ix-xhud qal li d-daqqa li l-konvenut ta lill-attur bilfors bis-sieq kien tahielu minħabba li l-konvenut kellu idejh barra. Ix-xhud ikkonferma wkoll li hu ra l-irkoppa tal-konvenut togħla u lill-attur jaqla' daqqa fuq wiċċu. Hu qal ukoll li wara li seħħ dan l-inċident, il-konvenut ħa l-ballun u baqa' jilgħab il-logħba.

Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2017 xehed **Mr James Galea**[19], li kkonferma li l-attur kien pazjent tiegħu. Ix-xhud qal li l-attur mar fil-klinika tiegħu wara inċident li kellu waqt logħba tal-*waterpolo*, fejn wara li ttieħdu l-*X-rays* neċessarji rriżulta li għandu frattura fix-xedaq ta' taħt, fil-parti tax-xellug. Ix-xhud qal li din il-frattura kienet riżultat ta' *blunt trauma* u li din ġrat minħabba li l-attur qala' daqqa b'xi ħaġa. Ix-xhud qal li hu seta' jikkonstata x'tip ta' ġrieħi kellu l-attur minħabba l-eżami radjografiku li għamillu, u kompla jgħid hekk:

> "Frattura hija dejjem kunsidrata bħala ta' natura gravi u ovvjament hemmhekk kien hemm ukoll fix-xedaq ta' taħt hemm in-nerf li jagħti sensazzjoni lix-xoffa u peress li l-frattura kienet *misplaced,* imċaqalqa mhux ħażin, dak kien l-akbar *concern* li jkun hemm problema. Infatti hu ġie fl-ewwel eżami, waħda mill-affarijiet li nagħmlu f'dawn it-tip ta' frattura hija li naraw is-sensazzjoni tax-xoffa u dak il-ħin ma kellux. Iġifieri n-nerf kien b'xi mod *damaged,* li hija kompatibbli ma' dik it-tip ta' frattura."

Ix-xhud ikkonferma li l-attur għadu jbati minn diżabilità permanenti kawża tal-inċident, li hu kklassifika fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%). Ikkonferma wkoll li l-attur baqa' jmur għal visti fil-klinika tiegħu b'mod regolari. Ix-xhud tramite d-difensur tal-attur, ippreżenta żewġ kampjuni, wieħed minnhom id-darsa tal-

---

[18] *A fol.* 110 tal-proċess.
[19] *A fol.* 118 tal-proċess.

għaqal li nqalgħet waqt l-operazzjoni minħabba li l-parti dgħajfa tal-frattura kienet għaddejja mid-darsa tal-għaqal, u kontenitur bit-*titanium plates* li ntużaw biex ġie kkurat l-attur. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li ra lill-attur kien wara l-inċident inkwistjoni, u li dak il-ħin l-attur kien akkumpanjat minn xi ħadd mill-*club* tiegħu stess. Ix-xhud ikkonferma li l-intervent fuq l-attur sar fit-13 ta' Ġunju 2013 stess filgħaxija, u dan għaliex fratturi fil-parti t'isfel tax-xedaq ikun ideali li jiġu operati fl-istess ġurnata sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet. Ix-xhud qal li l-attur kien infurmah li hu kien mar id-Dipartiment tad-Dentistrija tal-Isptar Mater Dei, iżda għal xi raġuni dan ma ġiex operat dakinhar stess, għalkemm sarlu xi tip ta' trattament biex jgħin ix-xedaq jagħqad. Ix-xhud madanakollu kkonferma li biex jinkisbu l-aħjar riżultati, ikun aħjar li intervent fuq il-ħalq isir fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-inċident. Hu kompla jgħid li l-frattura li kellu l-attur kienet waħda 'kumplikata' minħabba li hi esposta għall-estern u hi għaddejja mid-darsa tal-għaqal, bir-riskju ta' *osteomyelitis,* jew infezzjoni tal-għadma, apparti li fil-punt fejn kien hemm il-korriment hemm għaddejjin għadd ta' nervituri. Qal ukoll li l-frattura kienet waħda *displaced,* u li wara l-intervent hu kien ra lill-attur għadd ta' drabi sabiex jiġi aċċertat li l-frattura għaqdet b'mod tajjeb u li ma kienx hemm kumplikazzjonijiet. Kompla jgħid li sa ftit qabel li huwa kien qed jixhed, huwa kien għadu jsegwi lill-attur rigward il-korriment li kellu, minħabba li dan baqa' jistaqsi jistax jagħmel xi ħaġa biex il-problema tan-nerf tissewwa, u x-xhud ikkonferma li wara t-trapass ta' għadd ta' xhur, ma kien hemm xejn aktar x'jista' jsir minħabba li d-debilità kienet waħda ta' natura permanenti. Minkejja dan, hu baqa' jsegwi lill-attur b'mod regolari sabiex jara kienx hemm *infiltration* minn nervituri oħrajn.[20] Ix-xhud qal li ħsara fin-nervituri ma tistax

[20] Fi kliem ix-xhud, "[w]ara sitt xhur fiżjoloġikament jekk in-nerf ma rkuprax huwa rari ħafna li jirkupra. Issa jien ktibt anke fl-ewwel rapport li jien inħobb nagħti aktar minn sitt xhur biex nara jekk kienx hemm xi żviluppi u bqajna nassessjaw*with*

titranġa, u li meta xi ħadd jipprova jirranġa tali ħsara, jkun qiegħed jikkawża aktar ħsara milli ġid.

Fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2017 xehed il-konvenut **Ryan Mock**[21], li qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kellu tnejn u għoxrin sena. Qal illi l-*waterpolo* beda jilagħbu bħala passatemp, u meta għalaq it-tmintax-il sena beda jipprattika dan l-isport fuq livell professjonali. Il-konvenut qal li dakinhar li seħħ l-inċident kienet qiegħda tintlagħab logħba tal-kampjonat li ntilfet mit-tim li jilgħab miegħu hu. Qal ukoll li l-inċident seħħ waqt it-tielet sessjoni tal-logħba. Il-konvenut qal li l-istruzzjonijiet li hu kellu mingħand il-kowċ tiegħu kienu li hu għandu jibqa' fejn hu xħin jara lill-avversarju jagħmel id-*drive.* Il-konvenut kompla jixhed li xħin ra lill-attur qiegħed jagħmel id-*drive,* hu baqa' fejn kien iżda ta daqqa b'saqajh biex imur fuq il-*player* ta' maġenbu. Qal li hekk kif ta spinta biex imur fuq it-*team mate* tiegħu[22], laqat lill-attur, u li dan kien "*accident". *Ix-xhud qal li l-*waterpolo* huwa *sports* ta' kuntatt, u li fil-ħin li fih hu laqat lill-attur f'ħalqu, hu ħass li kien laqtu bi spallejh. Hu qal li dak il-ħin l-attur kien quddiemu. Qal ukoll li hekk kif mar fuq il-*player* l-ieħor, ta daqqa b'saqajh u dak il-ħin kien hemm il-kuntatt. Hu spjega d-dinamika tal-inċident b'dan il-mod:

> "Waqt li hu beda jiddrajvja għan-nofs, minn nofs għal *position five* tal-kantuniera, jiena sa dak il-ħin meta ħa jibda jagħmel id-*drive* kont quddiemu. Imma meta mort l-*opposite direction* jiena biex nagħmel il-*push,* hu John kien diġà qiegħed in-naħa tar-*right* jiena. Allura, bil-*push,* sar il-*contact."*

*two-point discrimination* ngħidulha jiġifieri nagħmlu *pin pricks* biex naraw jekk hemmx żviluppi *and we map it* u ma kienx hemm. Rajtu sitt xhur, sena, sena u nofs, sentejn, sa Diċembru li għadda."

[21] *A fol.* 138 tal-proċess

[22] Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017 ġie ċċarat li l-konvenut ried imur fuq it-*team mate* tal-attur, mit-tim ta' Marsaskala, li jiġi l-avversarju tiegħu.

Il-konvenut qal li inċident bħal dak mertu tal-kawża huwa meqjus bħala ‘normali’ li jiġri minħabba fit-tip ta’ kuntatt li jrid ikun hemm bejn il-plejers. Il-konvenut qal li konsegwenza ta’ dan l-inċident hu kien sospiż mil-logħob għal sena, u li kien ġie stabbilit li l-kondotta tiegħu waqt il-logħba kienet waħda vjolenti. Il-konvenut ikkonferma li hu laqat lill-attur bl-irkoppa, għalkemm ċaħad li hu b’xi mod ixxuttja lill-attur b’mod intenzjonat.

Il-kontroeżami tal-konvenut sar fl-udjenza tal-11 ta’ April, 2017[23], fejn hu ċċara li fil-ħin li l-attur kien qiegħed jiġi attakkat, hu niżel ‘l isfel, lejn in-naħa li kien fiha l-konvenut. Qal ukoll li l-istruzzjonijiet li hu kellu mingħand il-kowċ kienu biex jibqa’ fejn hu, u hu hekk għamel, filwaqt li l-attur beda miexi fid-direzzjoni tiegħu, messu ftit waqt li kien qiegħed isegwi plejer ieħor, daru, u kien dak il-ħin li l-konvenut ta *push* biex jibqa’ fl-istess pożizzjoni fejn kien qabel. Hu ċċara li l-*push* tah fuq id-direzzjoni tax-xellug, u spjega li, “*push* ikun qisu ... tagħti b’saqajk it-tnejn, tagħti spinta biex tmur fid-direzzjoni fejn tixtieq tmur ...”.

Il-konvenut spjega li fil-ħin li hu ta l-*push,* l-attur kien qiegħed jgħum warajh, u hu ħass li l-kuntatt aktarx sar b’irkopptejh. Hu qal ukoll li hu ma ġralu xejn bil-kuntatt, l-azzjoni kompliet, iżda wara l-attur ħareġ mill-*pitch.* Ix-xhud qal li waqt il-logħba tal-*waterpolo* hu kellu ħafna inċidenti anki minħabba li dan hu meqjus bħala ‘*a high-contact sports’*, fosthom daqqa ta’ minkeb f’għajnejh, qasma f’għajnejh, ksur f’imnieħru u daqqiet li wasslu għal tbenġil viżibbli. Qal li meta jiġru dawn l-affarijiet hu joħroġ mill-*pitch* u jfittex l-assistenza. Kompla jgħid li fil-ħin tal-inċident, hu ma kienx qiegħed iħares lejn l-attur u li moħħu kien fil-ballun u fil-logħba. Qal li meta ta l-*push,* l-attur inzerta fid-direzzjoni tal-*push* tiegħu. Għad-domandi tal-Qorti, il-konvenut ikkonferma li minkejja li

[23] *A fol.* 145 tal-proċess.

dan hu *sports* ta' kuntatt, hemm numru ta' regoli li jridu jiġu osservati u hemm imġiba li hi pprojbita. Il-konvenut qal li minkejja li l-kuntatt mal-attur aktarx li sar bl-irkoppa, hu ma kellu l-ebda ġrieħi f'saqajh u għalhekk ma setax jistabbilixxi b'ċertezza b'liema parti tas-sieq kien laqat lill-attur. Il-konvenut qal li dak il-ħin li seħħ l-impatt hu ma indunax li kien weġġa' lill-attur, u sar jaf li l-attur weġġa' waqt ir-raba' sessjoni tal-logħba. Il-konvenut ikkonkluda billi qal li minkejja li waqt il-logħba tal-*waterpolo* normalment ikun hemm żewġ *referees,* l-ebda wieħed minnhom ma saffar biex iwaqqaf il-logħob minħabba f'xi irregolarità.

Permezz ta' nota tad-19 ta' Ġunju, 2017, l-attur esebixxa kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu[24], kif ukoll prospett tal-ispejjeż inkorsi minnu b'konsegwenza ta' dan l-inċident.[25]

Fl-udjenza tas-7 ta' April 2017 xehed **Ronnie Spiteri**[26], li kien ir-*referee* fil-logħba inkwistjoni bejn Marsaskala u Valletta WPC. Ix-xhud ikkonferma li l-partijiet fil-kawża kienu avversarji ta' xulxin dakinhar, u li l-inċident seħħ waqt azzjoni magħrufa bħala li 'tkisser iż-żona'. Qal li l-konvenut "iddrajvja biex ikisser iż-żona" u dak il-ħin sema' lill-attur jgħidlu li kien weġġgħu u li kien ser ipattihielu. Qal ukoll li dak il-ħin hu talab lill-partijiet jinfirdu minn ma' xulxin, u ħalla l-logħob għaddej, tant li ftakar li Marsaskala baqgħu jattakkaw. Madanakollu wara ftit sekondi sema' l-għajjat tan-nies li bdew jgħidulu biex iwaqqaf il-logħba. Qal li kif dar ra lill-attur miexi fuq l-art bid-demm ħiereġ minn ħalqu. Qal li hu l-inċident ma rahx iseħħ, għaliex kieku kien japplika r-regoli 21/17 tal-brutalità li tirrikjedi li l-*player* li jkun għamel l-azzjoni jitkeċċa l-

[24] *A fol.* 174 tal-proċess.
[25] A fol. 175 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 189 tal-proċess.

logħba kollha, filwaqt li t-tim li jkollu plejer imweġġa' jingħata erba' minuti bi *player* iżjed. Ix-xhud ikkonferma li xħin sema' lill-attur jgħajjat "x'daqqa tajtni", għajnejh kienu fuq il-partijiet, imma minkejja dan hu xorta ma rax l-inċident iseħħ. Qal li l-logħba waqfet madwar għoxrin sekonda wara li hu sema' lil Licari jgħid li qala' daqqa. Ix-xhud qal li la hu u lanqas ir-*referee* l-ieħor ma raw xejn, u dan minħabba li l-azzjoni kienet taħt l-ilma, u li kieku hu ra xi ħaġa kien japplika r-regola tal-brutalità. Ix-xhud qal li ma setax jiftakar ras l-attur fejn kienet fil-ħin tal-inċident. Ix-xhud spjega li minkejja li fil-logħba tal-*waterpolo,* wieħed mir-*referees* ikun *defending referee* u l-ieħor ikun *attacking referee,* madanakollu huma t-tnejn ugwali, u jkunu qegħdin iħarsu lejn l-istess azzjoni. Spjega wkoll li bir-regola tal-brutalità, il-*player* li jkun għamel il-*foul* jitkeċċa għal-logħba kollha, filwaqt li t-tim l-ieħor jieħu *penalty.* Qal li *foul* normalment idum għoxrin sekonda, u l-*player* jerġa' jidħol fil-logħba, filwaqt li meta tapplika r-regola tal-brutalità minħabba li jkun hemm xi ħaġa intenzjonata, bħal tixjir tas-saqajn, daqqiet ta' ponn u daqqiet oħra, hemmhekk il-player jitkeċċa għalkollox mil-logħba. Qal ukoll li meta jkun hemm *foul language* waqt il-logħob, normalment il-plejer jiġi sostitwit. Ix-xhud ikkonferma li waqt il-logħba mertu ta' din il-kawża, l-attur kien tela' mill-ilma u ġie sostitwit.

Fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017 xehed **Peter Giordano**[27], li wkoll kien *referee* waqt il-logħba inkwistjoni, għalkemm dan min-naħa tiegħu qal li hu kien in-naħa l-oħra tal-*pitch* u li ma jafx x'ġara minħabba li l-inċident seħħ fin-nofs tar-*referee* l-ieħor. Ix-xhud qal li madanakollu jekk hu jara xi ħaġa li mhix f'lokha fin-nofs tar-*referee* l-ieħor, hu xorta jattira l-attenzjoni billi jsaffar. Ix-xhud qal li hu la ra l-inċident u lanqas sema' xi diskors bejn il-*players* dak il-ħin, u li sar

[27] *A fol.* 201 tal-proċess.

jaf x'ġara wara l-logħba. Ix-xhud qal li hu ma semax nies jagħjtu waqt il-logħba u lanqas ma kien ra l-*video* wara l-logħba.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017 xehed **Anthony Farrugia**[28], kowċ tat-tim ta' Valletta United WPC, li qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien preżenti għal-logħba. Ippreċiża li fil-ħin li seħħ l-inċident hu kien bilwieqfa wara l-*catwalk*, f'distanza ta' madwar għaxar metri minn fejn kienet għaddejja l-azzjoni. Ix-xhud qal li wara li l-attur kellu l-inċident u tela' mill-baħar, dan mar fuqu u qallu "ara x'għamilli", għalkemm ix-xhud ma setax jiftakar jekk dak il-ħin l-attur semmiex lil xi ħadd. Qal li l-logħba tkompliet u li hu jaf li l-attur ittieħed fejn kellu jittieħed u li minn dak il-ħin ma rahx aktar, għalkemm wara l-logħba hu mar l-Isptar biex jara l-attur kif kien baqa'. Waqt il-kontroeżami tax-xhud, dan ikkonferma li għal xi raġuni l-attur kien waqaf mid-*drive* li kien qed jagħmel. Qal ukoll li meta l-attur ħareġ mill-ilma dan kellu d-demm, iżda sa dak il-ħin hu kien għadu ma jafx l-attur xi ġralu. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, il-plejer tiegħu ma kienx ġie punit taħt ir-regoli tal-brutalità, u l-logħba tkompliet b'mod normali, għalkemm ikkonferma li sussegwentement ittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-konvenut, li hu plejer tat-tim tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li waqt logħba bħal din ikun hemm kuntatt il-ħin kollu, u li hu kien sema' li l-attur kellu x-xedaq fratturat mingħand it-tabib li eżamina lill-attur l-Isptar u mingħand il-kowċ tiegħu. Ix-xhud ma setax jiftakar jekk wara dan l-inċident l-attur għamilx żmien ma jilgħabx.

Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2017 xehed **Aldo Scerri**[29], *team manager* tal-Valletta United WPC, li kkonferma li huwa kien preżenti waqt il-logħba li matulha seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, u li dak il-ħin hu kien

[28] *A fol.* 211 tal-proċess.
[29] *A fol.* 230 tal-proċess.

bilqiegħda fuq il-bank tas-sostituti fin-naħa ta' fejn ġrat l-azzjoni. Ix-xhud qal li hu jiftakar li seħħ inċident minħabba li hu kien wieħed mill-persuni li marru jassistu lill-attur li kellu wiċċu bid-demm. Qal li dak il-ħin l-attur kellu l-pussess tal-ballun, u li l-konvenut kien irtirat, qiegħed jagħmel iż-żona. Madanakollu hu ma setax jgħid kif seħħ l-inċident minħabba li dak il-ħin kellu għajnejh fuq il-ballun u ma jafx x'ġara. Ix-xhud ikkonferma li fil-mumenti ta' wara l-inċident, il-logħba tkompliet, iżda wara ftit hu ra lill-attur ħiereġ mill-ilma bid-demm ma' wiċċu. Qal ukoll li fil-ħin tal-inċident hu ra li l-partijiet kienu f'distanza ta' madwar żewġ metri bogħod minn xulxin.

Mistoqsi in kontroeżami x-xhud ikkonferma li fil-ħin li fih seħħ l-inċident, it-tim li kien qiegħed jilgħab miegħu l-attur kien fl-attakk, filwaqt li l-konvenut kien qiegħed ikopri lill-attur, billi jakkumpanjah minn distanza. Ix-xhud ikkonferma li hu ra lill-attur *on the sideline* bid-demm ma' wiċċu, u qam minn postu biex jassistih, għalkemm xħin ra d-demm għajjat lill-kowċ tat-tim tal-attur biex imur jassistih hu. Ix-xhud qal ukoll li hu warrab hekk kif waslu l-paramediċi u l-kowċ tat-tim tal-attur. Ix-xhud qal li l-attur reġa' lagħab fil-logħba li kien imiss li tintlagħab bejn l-istess timijiet, madwar tliet ġimgħat wara li seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2017 xehed **Ranier Scerri**[30], plejer mat-tim tal-Valletta WPC, li xehed li fil-ħin li tal-inċident hu kien wiċċu lejn l-attakkant ta' Marsaskala wara li mmarkah. Qal li dak il-ħin it-tim ta' Marsaskala kienu fl-attakk, filwaqt li t-tim Belti kien qiegħed jiddefendi. Qal ukoll li hu u l-konvenut kienu f'distanza ta' żewġ metri bogħod minn xulxin u li l-attur għadda minn nofshom. Hu kompla jgħid illi,

[30] *A fol.* 240 tal-proċess.

> "[k]if qasam is-Sur Licari l-azzjoni tilfuh għax il-ballun mar barra mingħalija jekk mhux sejjer żball. Jien tlaqt bil-ħarba nattakkaw, il-ballun ġie għandi u skurjajna u r-*referee* talab il-ballun. Għidtlu, 'X'ġara ref?' u qalli, 'Weġġa' xi ħadd'. Ħarist lura u rajt lil John Licari mal-lane."

Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu d-demm ma' ħalqu, għalkemm qal li hu ma rax l-inċident iseħħ minħabba li kien qiegħed attent għall-*player* li mmarka. Qal ukoll li ftit wara t-tim ta' Valletta skorja, u kien hemmhekk li r-*referee* talab il-ballun u waqqaf il-logħob minħabba li kien weġġa' plejer. Ix-xhud ikkonferma li l-attur ħareġ mil-logħba u l-logħba tkompliet billi l-attur ġie sostitwit. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk l-attur lagħabx fil-logħba ta' wara kontra Valletta WPC, għalkemm ikkonferma li kien hemm logħob ieħor f'dak l-istaġun li ntlagħab mill-attur. Lix-xhud sarlu riferiment għall-mument li fih l-attur għadda minn bejnu u l-konvenut u għall-mistoqsija jekk rax lill-attur jintlaqat f'xi ħin, ix-xhud wieġeb li hu ma setax jara minħabba li kien wiċċu wara l-*player*. Qal li hu induna li kien weġġa' player iżda ma kienx jaf kif. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li hu kien ra l-filmat tal-logħba li xxerred fuq *YouTube,* hu ma rax daqqiet fil-filmat.

Fl-istess udjenza xehed **Ryan Sciortino**[31], *goalkeeper* tat-tim ta' Valletta WPC, li qal li fil-ħin tal-inċident it-tim tiegħu kien qiegħed jiddefendi, u li dak il-ħin hu kien fil-lasta. Ix-xhud ikkonferma li dak il-ħin il-partijiet kienu fl-ilma, bit-tim tal-Belt jiddefendi ż-żona biex jidħol fiċ-ċentru. Qal li dak il-ħin il-konvenut kien fiż-żona, filwaqt li l-attur kien il-*player* fuq barra, qiegħed jattakka bil-ballun f'idejh, qassam fuq il-lemin tiegħu u 'ddrajvja'. Qal iżda li wara dik il-manuvra, hu baqa' jsegwi l-ballun. Qal li l-aħħar li segwa lill-partijiet, dawn kienu f'distanza ta' madwar żewġ metri bogħod minn xulxin, u li wara l-azzjoni

[31] *A fol.* 253 tal-proċess.

tal-attur, il-ballun spiċċa għandu, hu qassam, it-tim tal-Belt skorja, u wara li kien hemm dan l-iskor, ir-*referee* waqqaf il-logħba, talab il-ballun, u kulma jaf hu li ra lill-attur idur u jżomm ħalqu. Ix-xhud qal li hu ma rax lill-attur jintlaqat minn xi ħadd, għalkemm ikkonferma li l-attur waqaf jilgħab. Ix-xhud però qal li f'logħba oħra li ntlagħbet xi ħmistax wara, l-attur reġa' kien qiegħed jilgħab. Mistoqsi jafx jekk ġietx ambulanza waqt il-logħba, ix-xhud wieġeb li ladarba kompliet il-logħba, hu kien moħħu fil-logħob.

Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2018 xehed **Charles Portelli**[32], li hu membru tal-kumitat ta' Valletta United WPC, membru fil-kunsill tal-ASA u *team manager* tat-tim Belti. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, hu kien preżenti qiegħed isegwi l-logħba, u kien qiegħed ħdejn l-istands, f'nofs il-*pitch.* Ix-xhud qal li dak il-ħin l-azzjoni kienet fuq il-lasta ta' Valletta, u f'ħin minnhom il-ballun intrebaħ mid-difiża ta' Valletta, attakkaw, u ftit wara ra player tat-tim ta' Marsaskala, li kien l-attur, jgħum lejn il-ħabel. Ix-xhud qal li l-konvenut kien lejn in-naħa ta' Marsaskala, u wara ftit mumenti mill-attakk tat-tim Belti kienet waqfet il-logħba. Ix-xhud ikkonferma li l-attur lagħab logħob ieħor fl-istess staġun, inkluż logħba kontra l-istess tim Belti madwar tliet ġimgħat wara li seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li waqt il-finali tan-*knockout,* l-attur kien tkeċċa f'nofs il-logħba. Mistoqsi in kontroeżami, ix-xhud qal li hu ma ra xejn waqt l-azzjoni li seta' jindika li l-attur kien ġralu xi ħaġa, għalkemm wara ftit mumenti mill-azzjoni tal-Belt, ir-*referee* waqqaf il-logħob. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar l-attur kien waqaf jilgħab.

[32] *A fol.* 260 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Dr Jean Farrugia**[33], li fiż-żmien tal-inċident kien segretarju ġenerali tal-Valletta United Waterpolo Club, it-tim li jilgħab miegħu l-konvenut. Ix-xhud qal li waqt il-proċeduri dixxiplinarji li ttieħdu, hu rrappreżenta lill-*club* u lill-konvenut. Ix-xhud qal li l-kumitat eżekuttiv tal-ASA għamel rapport minħabba li ħass li abbażi ta’ filmat li kien ġie ppreżentat lilu minn Marsaskala ASC, li hu t-tim li jilgħab miegħu l-attur, kien hemm biżżejjed evidenza biex jinbdew proċeduri quddiem il-kunsill tal-ASA. Ix-xhud qal li l-filmat kien inġibed b’mod dilettantesk, u abbażi tiegħu l-ASA kienet tal-fehma li kellha tibda proċeduri fil-konfront tal-konvenut. Ix-xhud qal ukoll li mill-*match incident report* li ħejjew ir-*referees* tal-partita, dan l-inċident ma rriżultax. Ix-xhud qal li l-kunsill tal-ASA ddeċieda li l-każ għandu jitressaq quddiem il-kummissarju tad-dixxiplina, u l-każ instema’ fit-23 ta’ Ġunju, 2013, fejn il-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom u wara ġie deċiż il-każ. Ix-xhud qal li l-ASA ibbażat il-każ tagħha fuq dan il-filmat, u kien għalhekk li ġie deċiż li l-konvenut għamel *brutality* fuq l-attur, tant li kkawżalu ġrieħi gravi. Ix-xhud qal li hemm kodiċi tad-dixxiplina li jirregola dan, u li l-akkużi saru abbażi ta’ taqsima B, Artikolu 2(1) u Artikolu 2(4). Ix-xhud qal li l-pieni marbuta mal-offiża ta’ *brutality* jinkludu sospensjoni għal numru ta’ logħbiet, filwaqt li min jinstab ħati ta’ ġrieħi gravi jista’ jeħel sospensjoni għal għadd ta’ snin, u multi finanzjarji. Ix-xhud qal li l-kumitat eżekuttiv tal-ASA ħalla l-każ f’idejn il-kummissarju tad-dixxiplina li ddeċieda li l-konvenut kellu jeħel sena sospensjoni u multa ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (€233), li hi l-minimu. Ix-xhud ikkonferma li kien sar appell fejn ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-kummissarju tad-dixxiplina dwar il-pieni imposti fuq il-konvenut. Ix-xhud qal li l-*club* kien intavola l-appell minħabba li kien tal-fehma li l-każ inkwistjoni kien

[33] *A fol.* 267 tal-proċess.

nieqes mill-element tal-intenzjonalità da parti tal-konvenut. Ix-xhud spjega li din il-logħba tintlagħab parti minnha taħt l-ilma, u li mill-filmat ma jirriżultax ippruvat li kien hemm l-element tal-intenzjonalità, anzi fil-fehma tal-*club* dak li ġara kien xi ħaġa li tiġri spiss fil-logħob. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut ma skontax il-piena kollha, u li kien ingħata amnestija kif ġie rielett il-president tal-ASA. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li huma bħala *club* qatt ma ċaħdu li kien hemm inċident fejn Ryan Mock laqat lil John Licari, u l-argument tal-club kien ibbażat fuq in-nuqqas ta' intenzjonalità tal-konvenut. Ix-xhud ikkonferma li fil-fatt anki l-konvenut ammetta li f'mument minnhom kien 'laqat' lill-attur. Ix-xhud esebixxa wkoll il-*match incident report* li sar mir-*referees* tal-logħba[34], bl-inċidenti tekniċi li seħħew matul il-logħba.

Permezz ta' nota ppreżentata fil-15 ta' Jannar, 2018, il-konvenut ippreżenta kopja tal-kodiċi tad-dixxiplina[35] li ntuża mill-kumitat eżekuttiv tal-ASA sabiex jirregola l-każ dixxiplinarju inkwistjoni.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti f'din il-kawża sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar in-natura tal-ġrieħi sofferti minnu, **Mr Alexander Cassar**, ippreżenta r-rapport tiegħu datat l-4 ta' Frar, 2018[36], u dan wara li kien invista lill-attur fit-2 ta' Frar, 2018. L-espert mediku seta' jikkonstata li l-attur kellu nuqqas ta' sensazzjoni fix-xoffa t'isfel tax-xellug:

> *"Persistent numbness transpired after the accident. Since the onset of his symptom, he reports no change in its intensity. Pain was not a presenting complaint but the annoyance of inadvertent lip biting with resultant bleeding was. This is understandable as the patient with long-standing sensory nerve*

---

[34] *A fol.* 276 tal-proċess.
[35] *A fol.* 287 tal-proċess.
[36] *A fol.* 311 tal-proċess.

*dysfunction loses perception of the affected soft tissue site and is subject to repeated trauma."*

L-espert mediku Mr Alexander Cassar ikkonstata li l-attur ma kellu l-ebda tibdil fis-sintomi li ppreżenta ruħu bihom, u għalhekk ikkonkluda li dan kien qiegħed isofri minn debilità permanenti. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu l-espert mediku stqarr li n-nuqqas ta' sensazzjoni fil-parti t'isfel tax-xoffa tal-attur hija kkawżata minn trawma u ksur tal-*mandible* li affettwat in-nervituri ta' dik il-parti tal-wiċċ. Qal li din it-tip ta' ħsara hi kompatibbli ma' xi ħadd li jkun qala' daqqa vjolenti, u l-fatt li dan is-sintomu ppersista għal tul ta' żmien ifisser li l-ħsara li saret fuq dik il-parti tal-wiċċ ma tistax titranġa. L-espert mediku kkonkluda r-rapport tiegħu billi qal illi:

*"Mr. Licari has suffered loss, in terms of damage, pain, suffering and time required for treatment. He clearly required treatment, the nature of which at best is uncomfortable and at worst distressing and painful. The impairment suffered as a result of the trauma will invariably have resulted in some general loss in his enjoyment of life, but the substantive nature of this is difficult to quantify with precision. Mr. Licari desperately hopes for an outcome that sees his condition improve, as he is clearly frustrated by this everpresent vexation.*

*I disagree with the permanent impairment rating proposed by Dr. Galea valued at 15% of total body impairment. Referring to reputable guidelines, the permanent impairment rating given to such a complication is valued at 3% of total body impairment and the loss of a molar, at most 1%, giving a total of 4%."*

Il-kontroeżami tal-attur sar fl-udjenza tat-18 ta' April, 2018[37], fejn intalab jispeċifika meta kienet id-data li fiha waqaf jilgħab il-*waterpolo.* L-attur qal li hu waqaf fl-istess sena li weġġa', għalkemm hu lagħab il-logħob li kien fadal għal dak l-istaġun minħabba li kien ilu sena jitħarreġ għalih. L-attur ċaħad li

[37] *A fol.* 334 tal-proċess.

kien hemm xi żmien meta hu u l-konvenut kellhom xi diżgwid bejniethom. L-attur qal li eżatt wara li tah id-daqqa, il-konvenut telaq 'l hemm u ma baqax isegwi l-azzjoni mibdija. L-attur ikkonferma li meta ttieħed l-Isptar hu ma setax jiġi operat minħabba li l-kirurgu li seta' joperah ma kellux biżżejjed riżorsi umani sabiex jassistuh biex jagħmel operazzjoni bħal dik, u kien għalhekk li ngħata l-parir li ma jistenniex minħabba li l-għadam seta' jagħqad ħażin. L-attur qal ukoll li hu qatt ma kellu xi theddid dirett mill-konvenut li kien ser imur għalih jew iweġġgħu.

Il-konvenut għamel sensiela ta' domandi in eskussjoni tal-espert mediku, li ġew ippreżentati permezz ta' nota tad-9 ta' Mejju, 2018.[38] Fir-risposti tiegħu l-espert mediku **Mr Alexander Cassar** wieġeb[39] li hu ma kienx talab lill-attur jgħidlu x'impjieg kellu. Ix-xhud qal li l-ilment ewlieni tal-attur kien li huwa tilef is-sensazzjoni li kellu fil-parti t'isfel tax-xoffa. Qal ukoll li l-infezzjoni li l-attur kellu fit-*titanium plate* setgħet kienet riżultat ta' diversi fatturi. Qal ukoll li huwa possibbli li ksur bħal dak li sofra l-attur jimmanifesta ruħu minn episodju trawmatiku wieħed, u mhux neċessarjament wara li jkun hemm sensiela ta' trawmiet fuq il-parti affettwata. Ix-xhud qal ukoll li hija sfortuna li jkun hemm ċirkostanzi li minħabba fihom l-Isptar Mater Dei ma jkunx jista' joffri l-kura meħtieġa mill-pazjent fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa. Qal li f'dan il-każ minkejja li l-attur ingħata trattament adegwat biex jittaffew is-sintomi li kien qiegħed iħoss, jidher li l-attur għażel li jfittex trattament privat ladarba ddeċieda li ma kellux jistenna aktar li jingħata t-trattament li kellu bżonn mill-Isptar pubbliku.

[38] *A fol.* 348 tal-proċess.
[39] *A fol.* 352 tal-proċess.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiemha sabiex fehmet aħjar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Tibda biex tirrileva li f'kawża ċivili, fejn it-talba tal-attur hija sabiex il-konvenut jiġi dikjarat li huwa responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, u għall-eventwali likwidazzjoni u l-ħlas tal-konsegwenzjali danni, il-Qorti ċertament ma tidħolx fil-kwistjoni tal-intenzjoni li kellu jew ma kellux il-konvenut. Madanakollu l-Qorti trid tagħmel eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-provi miġjuba quddiemha sabiex fuq il-bażi tal-bilanċ ta' probabbilitajiet tiddetermina jekk il-konvenut jistax jinżamm responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża, partikolarment fejn tiġi kkaġunata debilità permanenti fuq il-'vittma' tal-inċident.

Il-Qorti tqis kif Mr James Galea, kirurgu ortodontiku, ikkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn *full paraesthesia of the lower left lip,* li jfisser li l-attur qatt mhu ser jirkupra s-sensazzjoni li tilef min-nervituri ta' xufftejh. L-attur allega li l-azzjoni tal-konvenut kienet waħda volontarja u intenzjonata, iżda l-Qorti diġà għamlitha ċara li fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, huma immaterjali x'setgħet kienet l-intenzjoni tal-konvenut għall-finijiet tal-evalwazzjoni li trid issir mill-Qorti meta tiġi biex tippronunzja ruħha dwar ir-responsabbilità o meno tal-konvenut.

Il-Qorti rat l-inkartament tal-proċeduri tal-kummissarju tad-dixxiplina maħtur mill-ASA, fejn il-konvenut instab ħati li kkaġuna dannu gravi lill-attur, u konsegwenza ta' dan ingħata piena ta' sena sospensjoni mil-logħob u multa. Il-kummissarju tad-dixxiplina stabbilixxa wkoll li, "*there is no contestation that*

*Mr. Mock caused the injuries sustained by Mr. Licari*", u kien fid-dawl tal-aċċertament ta' dan il-fatt li l-konvenut instab ħati mill-kummissarju tad-dixxiplina tal-ASA u ġie punit. Il-konvenut fl-ebda punt ma ċaħad li hu ried jagħmel kuntatt mal-attur, u lanqas ma ċaħad li kien hu li weġġgħu meta laqtu b'saqajh, għalkemm ċaħad li hu għamel dan b'mod intenzjonat.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda ta' Dr Simon Galea Testaferrata, li qal li mill-filmat tal-inċident jidher ċar li l-konvenut f'ħin minnhom ta spinta billi uża saqajh, liema spinta ma kinitx manuvra li s-soltu ssir f'dan it-tip ta' sport, tant li x-xhud qal kienx hemm għalfejn daqshekk guffaġni għaliha". Ix-xhud Duncan Cassar ikkonferma li minkejja li l-*waterpolo* hu sports ta' kuntatt, mhux normali li f'din id-dixxiplina sportiva ikun hemm ċertu daqqiet. Kienu diversi x-xhieda li kkonfermaw li d-dinamika tal-inċident kienet tinvolvi daqqa bis-sieq min-naħa tal-konvenut, xi ħaġa li wasslet biex l-attur isofri *blunt trauma* kif ikkonferma Mr James Galea li opera lill-attur. Il-fatt li l-attur sofra daqqa vjolenti kien ikkonfermat ukoll mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Alexander Cassar, li stabbilixxa li l-ħsara li sofra l-attur hi kompatibbli ma' xi ħadd li sofra "daqqa vjolenti", li ssarrfet f'sitwazzjoni fejn l-attur tilef is-sensazzjoni f'parti minn xofftu, bil-konsegwenzi kollha li dan in-nuqqas iġib miegħu, kif spjegaw tajjeb l-esperti mediċi.

Quddiem dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-ħsara sofferta mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Il-prinċipju bażilari li jirregola din il-materja huwa dak fl-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi li "[k]ull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."

Il-konvenut fl-ebda ħin ma ċaħad li kien hu li 'laqat' lill-attur, u anki jekk dan sar mingħajr ħsieb li jweġġa' jew li jikkawża ħsara irreparabbli lill-attur, xorta waħda l-konvenut għandu jwieġeb għall-ħsara li ġrat konsegwenza ta' għemilu. Huwa ċar kemm minn dak li rriżulta mill-provi kif ukoll mill-evalwazzjoni li għamlet il-Qorti, li l-konvenut ma mexiex mal-prinċipji ta' *good sportsmanship* meta b'ċerta guffaġni ta spinta biex jagħmel *push* fuq l-attur, u anki jekk il-ħsieb tiegħu ma kienx li jweġġgħu, l-azzjoni tiegħu kienet waħda goffa talment li wasslet għall-konsegwenza li l-attur kellu jittieħed l-Isptar u jiġi operat fi ftit sigħat sabiex jiġi evitat dannu akbar. Ċertament li dan l-aġir hu sintomatiku ta' imġiba negliġenti u nuqqas ta' ħarsien tar-regoli tal-logħba, li kif wieħed jista' japprezza, jista' jkollu konsegwenzi irriversibbli għall-persuna li tisfa mweġġa'. Anki jekk l-isport inkwistjoni huwa wieħed li jinvolvi ċertu kuntatt bejn il-*players*, madanakollu mhuwa xejn normali li waqt logħba tal-*waterpolo player* jispiċċa l-Isptar fejn jiġi operat. Dan seħħ biss minħabba nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza u ta' ħsieb min-naħa tal-konvenut, li bil-ħsieb li jirnexxi fl-azzjoni li kien għaddej biha waqt il-logħba, ma kkunsidrax id-dannu li seta' jikkawża lil ħaddieħor.

Min-naħa tagħhom il-Qrati Taljani jirritjenu illi:

> *"quando la condotta agonistica crea, per la sua violenza o durezza, una situazione di pericolo trasmodante e incompatibile con le finalità e la tecnica del gioco o, in altri termini, con il rischio consentito e, quindi, tale da mettere coscientemente a repentaglio l'incolumità dell'avversario, tale condotta deve essere sanzionata."*[40]

L-fattur determinanti għall-finijiet ta' sejbien ta' responsabbiltà o meno tal-konvenut għall-akkadut mhijiex l-intenzjoni tal-konvenut li jweġġa' lill-attur,

---

[40] Trib. Roma, 21.5.2011, Giurisprudenza it., Rep. 2011, Sport, n. 86; Trib. Bologna, 20.7.2010, ivi, n. 81.

imma jekk il-konvenut konxjament ikunx aġixxa b'mod goff u vjolenti tali li jqiegħed fil-periklu s-sigurtà u l-inkolumità tal-avversarju tiegħu.

Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur, kemm dawk li huma danni materjali (*damnum emergens*), kif ukoll it-telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans*) li jista' jsofri l-attur konsegwenza tad-debilità permanenti sofferta minnu.

*Lucrum cessans:*

L-attur ippreżenta prospett b'għadd ta' irċevuti għal spejjeż li hu inkorra b'konsegwenza ta' dan l-inċident, flimkien ma' elenku ta' spejjeż li hu jgħid li inkorra iżda li mhumiex sostnuti b'irċevuti jew b'xi tip ta' prova oħra, bħalma hi l-pretensjoni għall-ħlas ta' €526 rappreżentanti telf ta' perijodu ta' ġimgħa xogħol li l-attur jallega li sofra. Nuqqas ewlieni ieħor fil-provi miġjuba min-naħa tal-attur, huwa dak dwar id-dħul tiegħu, kemm mil-logħob professjonali tal-*waterpolo,* li hu jallega li kellu jwaqqaf b'konsegwenza ta' dan l-inċident, kif ukoll ir-rimunerazzjoni li hu jirċievi b'rabta mal-impjieg fiss tiegħu. Għalhekk il-Qorti ser ikollha tuża l-kejl li normalment jintuża fin-nuqqas ta' prova dwar id-dħul, iġifieri il-kejl tal-paga minima nazzjonali.

Kwantu għal spejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri legali, dawn mhumiex spejjeż li l-Qrati tagħna normalment jillikwidaw f'kawżi ta' din ix-xorta, u d-deċiżjoni dwar min għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż legali ta' dawn il-proċeduri tingħata permezz ta' kap separat fil-parti deċiżiva tas-sentenza.

L-attur ippreżenta rċevuti għall-konsulti li hu kellu ma' Mr James Galea fis-17 ta' Ġunju, 2013 u fil-5 t'Awwissu, 2013[41], konsulta ma' Dr Monique Cutajar[42], konsulta ma' Dr Analise Camilleri[43], u l-appuntamenti li kellu ġewwa l-Isptar Saint James[44], għal total ta' erbat elef, sitt mija u sebgħa u sebgħin Euro u dsatax-il ċenteżmu **(€4,677.19)**.

*Damnum emergens:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament

[41] *A fol.* 178 tal-proċess.
[42] *A fol.* 179 tal-proċess.
[43] *A fol.* 179 tal-proċess.
[44] *A fol.* 180 *et seq.* tal-proċess.

presjeduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'dan il-każ jirriżulta li l-attur waqaf jilgħab il-*waterpolo* wara li kellu l-inċident inkwistjoni, għalkemm ma nġabet l-ebda prova jekk l-attur kellux dħul mil-logħob professjonali, u lanqas ma nġabet prova dwar meta hu waqaf mil-logħob tal-*waterpolo.* Lanqas mhu ċar jekk il-waqfien tal-attur mil-logħob kellux konsegwenzi oħra, bħal telf ta' *sponsorships* u dħul ieħor li l-attur seta' kellu b'rabta mal-prattika ta' dan l-isport fuq livell professjonali, stante li ma nġabet l-ebda prova dwar dan. Mhux ċar lanqas jekk l-attur kellux impjieg fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, u kemm kien l-introjtu minn dan l-impjieg, stante li ma nġabet l-ebda prova fir-rigward. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet, il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra ħlief li tadotta bħala kejl ta' paga bażika, il-paga minima nazzjonali għas-sena li fiha seħħ l-inċident bħala r-riga li abbażi tagħha ser jinħadem it-telf ta' qligħ futur soffert mill-attur. Jirriżulta, mil-leġiżlazzjoni sussidjarja 452.71 li fis-sena 2012, il-paga minima nazzjonali kienet ta' €158.11 fil-ġimgħa, li jfisser dħul ta' €8,221.72 fis-sena. Dan l-ammont irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[45] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*,

[45] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €8,221.72 + €10,037.08 / 2 = €9,129.40. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sebgħa u tletin (37) sena, li hija l-età li kellu l-attur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 23. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[46], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

---
[46] P.A., 10.05.2005.

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 23 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attur, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attur hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Alexander Cassar, li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' erbgħa fil-mija (4%), u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida li għaliha għandha tiddipartixxi minn din ir-rata hekk stabbilita, partikolarment in vista tal-fatt li l-espert maħtur mill-Qorti hu l-aħħar espert mediku li eżamina lill-attur b'rabta mad-debilità permanenti sofferta minnu, u għalhekk l-analiżi tiegħu hi l-aktar waħda akkurata u realistika.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. F'kawżi li jdumu biex jinqatgħu, mill-imsemmija 20% il-Qorti normalment tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015, u ser tinqata' ftit aktar minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet sabiex il-proċeduri jitwalu bla bżonn.

Is-salarju medju ta' €9,129.40 x *multiplier* ta' 23, x 4% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €8,399.04, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€6,719.24.** Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' **€4,677.19** rappreżentanti d-*damnum*

*emergens* soffert mill-attur, jiġi stabbilit li l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur *in linea* ta' danni jammonta għal ħdax-il elf, tliet mija u sitta u disgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu **(€11,396.43)**.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ tort u ħtija tal-konvenut;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' ħdax-il elf, tliet mija u sitta u disgħin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€11,396.43);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.